MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tat-18 ta' Novembru, 2012

Numru. 1214/2012

**Il-Pulizija**
**[Spettur Jason Francis Sultana]**

**vs**

**Giuseppe Mermina**

**Illum 18 ta’ Novembru 2012**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Giuseppe Mermina ta’ 52 sena, bin Vincenzo u Licia nee’ Braffa, imwieled Modica fl-14 ta’ Mejju 1960 u detentur tal-karta tal-identita Taljana bin-numru AT3365337.

Akkuzat talli :

1. F'dawn il-Gzejjer matul dawn l-ahhar xhur u/jew gimghat b' diversi atti maghmulin minnu ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u gew maghmula b' rizoluzzjoni wahda, u cioe';

2. Talli nhar il-1 ta' Novembru 2012, matul il-lejl u cioe' ghall-habta tal-ghaxra ta' fil-ghaxija, f' dawn il-Gzejjer u cioe' minn gewwa l-ufficju 42a Grech & Vinci li jinsab gewwa Triq Bisazza Sliema, ikkometta serq ta' diversi oggetti, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-hin u kif ukoll bil-valur li jeccedi €232.94 u li sar ghad-detriment ta' Simon Bernard Grech detentur tal-karta tal-identita bin-numru 64982(M) u/jew ta' persuni ohra*;*

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe l-bieb tal-ufficju Grech & Davinci li jinsab gewwa Triq Bisazza, Sliema, ghad-detriment ta' Simon Bernard Grech detentur tal-karta tal-identita bin-numru 64982(M) u/jew ta' persuni ohra liema hsara tiskorri mija u sittax -il Euro u sebgha w erbghin centezmu (€116.47), imma inqas minn elf, mija u erbgha w sittin Euro u disgha w sittin centenzmu (€1164.69)*;*

4. Kif ukoll talli nhar it-23 ta' Novembru 2012, matul il-lejl, f' dawn il-Gzejjer u cioe' minn gewwa l-Yuu Chinese Restaurant li jinsab gewwa Triq San Gorg, San Giljan, kkometta serq ta' diversi hwejjeg w oggetti, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-hin u kif ukoll bil-valur li jeccedi €232.94 u li sar ghad-detriment ta' Yu Mei Zhang detentrici tal-karta tal-identita bin-numru 10623(A) u/jew ta' persuni ohra*;*

5. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe' l-bieb tal-Yuu Chinese Restaurant li jinsab gewwa Triq San Gorg, San Giljan, ghad-detriment ta' Yu Mei Zhang u/jew ta' persuni ohra, liema hsara tiskorri l-mija u sittax -il Euro u sebgha w erbghin centezmu (€116.47), imma inqas minn elf mija

u erbgha w sittin Euro u disgha w sittin centenzmu (€1164.69);

6. Kif ukoll talli nhar it-23 ta' Novembru 2012, matul il-lejl f' dawn il-Gzejjer u cioe' minn gewwa L-Ghonella Restaurant li jinsab gewwa Triq il-Knisja San Giljan, kkometta serq ta' diversi hwejjeg u oggetti, fosthom wallet kontenenti flus kontanti, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-hin u kif ukoll bil-valur li jeccedi €232.94 u li sar ghad-detriment ta' Joseph Gauci detentur tal-karta tal-identita bin-numru 19347(M) u/jew ta' persuni ohra;

7. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe l-bieb tal-immsemmi stabilment maghruf bhala L-Ghonella li jinsab gewwa Triq il-Knisja, San Giljan, ghad-detriment ta' Joseph Gauci u/jew ta' persuni ohra liema hsara tiskorri l-mija u sittax -il Euro u sebgha w erbghin centezmu (€116.47), imma inqas minn elf, mija u erbgha w sittin Euro u disgha w sittin centenzmu (€1164.69);

8. U aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamlet uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqdiet b'qerq iehor, ingann, jew billi wriet haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamlet qligh b'qerq ta' aktar minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), ghad-dannu ta' Simon Bernard Grech, u ta' l-HSBC Bank Malta plc;

9. u aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, ghamlet falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, u cioe` cekkijiet tal-HSBC Bank Malta plc., li jippartjeni lil Simon Bernard Grech u Andrew Vinci, billi holqot pattijiet, dispozizzjonijiet, jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahlet dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi

wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi zidet jew bidlet klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawn l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw; kif ukoll talli xjentement ghamlet uzu mill-istess att, kitba jew skrittura falza;

10. Talli fl-istess perjodu ta’ zmien, laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akwistati b’reat, u/jew xjentement b’kull mod indahal sabiex ibieghhom jew imexxihom.

Rat l-artikoli 18, 183, 184, 261(b)(c)(f), 263, 264, 267, 308, 309, 310(1)(a), 325(1)(b) u 334 tal-Kapiotlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum minn din il-Qorti bhala Qorti Struttorja l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi peress li l-ghaxar imputazzjoni dwar ricettazzjoni hija alternattiva ghall-imputazzjonijiet dwar serq li gew ammessi mill-imputat il-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta’l-ghaxar imputazzjoni.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat u l-fedina penali tieghu; hadet in konsiderazzjoni ukoll il-koperazzjoni ta’l-imputat mal-pulizija u l-ammissjoni f’l-aktar stadju bikri ta’ dawn il-proceduri kif ukoll il-fatt li hu diga ta lill-pulizija ammont ta’ flus biex jigu kompensati id-derubati u lest li jhallas ukoll il-bilanc dovut.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, fil-waqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta'l-ghaxar imputazzjoni dwar ricettazzjoni, wara li rat l-artikoli 18, 183, 184, 261(b)(c)(f), 263, 264, 267, 308, 309, 310(1)(a) u 325(1)(b) tal-Kapiotlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet l-ohra kollha u taghhom tikkundannah sentejn (2) prigunerija li b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospiezi ghal perjodu ta' erbgha' (4) snin u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28H ta'l-istess Kapitolu 9 qed tordna lill-imputat biex fi zmien sitt (6) xhur ihallas is-somma komplessiva ta' sebghat elef u tmien mitt Euro (€7,800) lil Simon Bernard Grech, Andrew Vinci, Yu Mei Zheng u Joseph Gauci bejnithom.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien erbgha' snin u jekk ma jhallasx l-ammont fuq indikat fi zmien prefiss.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------